# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 12**

**Rikors numru 280/10 SM**

**Park Hotel Limited [C 10203]**

**v.**

**Bank of Valletta p.l.c. [C 2833]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezentat is-socjeta` attrici fis-26 ta' Marzu, 2010, u li jaqra hekk:

> "1. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-tlettax ta' Gunju 2001 fl-ismijiet "**Park Hotel Limited vs Incoming Travel Bureau Limited**" (Cit. Nru. 819/2001 RCP) [kopja hawn annessa u mmarkata **DOK PH1**], is-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited fl-ammont ta' tmien telef mija erba' u disghin liri Maltin u disgha u disghin centezimu (Lm8194.99), illum ekwivalenti ghal dsatax-il elf u disgha u tmenin Ewro u dsatax-il Ewro centezimu (€19089.19);

“2. Illi sussegwentement s-socjeta` rikorrenti iskriviet zewg ipoteki fil-konfront tas-socjeta` Incoming TravelBureau Ltd ghall-ammont ta’ tmien t’elef mija erba’ u disghin liri Maltin u disgha u disghin centezimu (Lm8194.99), illum ekwivalenti ghal dsatax-il elf u disgha u tmenin Ewro u dsatax-il Ewro centezimu (€19089.19), senjatament Ipoteka Generali bin-numru ta’ iskrizzjoni 14782/2001 ta’ l-10 ta’ Ottubru 2001 [kopja hawn annessa u mmarkata **Dok PH2**] u Ipoteka Specjali bin-numri ta’ iskrizzjoni 15791/2001 tas-26 ta’ Ottubru 2001 [kopja hawn annessa u mmarkata **DOK PH3**];

“3. Illi fl-2003 il-Bank intimat istitwixxa proceduri ta’ subbasta bin-numru 134/03 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Incoming Travel Bureau fejn talab li tinbigh b-irkant il-proprjeta` “*Blokk ta’ bini minghajr numru ifficjali, maghruf bhala I.T.B. House, fi Triq l-Iskuna, San Pawl il-Bahar, konsistenti f’garage fil-pjan sotterran, hanur fil-pjan terran, u tliet appartamenti sovrastanti fuq xulxin, kif soggett il-blokk kollu ghac-cens annwu u perpetwu ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (LM120*)” abbazi ta’ allegat titolu ezekuttiv ottenut permezz ta’ ittra ufficjali tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru 2002 [kopja hawn annessa u mmarkata **Dok PH4**], notifikata lis-socjeta` Incoming Travel Bureau fis-27 ta’ Dicembru 2002 li kienet intiza sabiex trendi ezegwibbli kuntratt pubbliku ta’ kostituzzjoni ta’ debitu in atti Nuttar Dottor Bartolomeo Micallef tas-26 ta’ Gunju 2002 [kopja hawn annessa u mmarkata Dok PH5];

“4. Illi kif jirrizulta mill-istess att pubbliku, fid-data in kwistjoni s-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited kkostitwiet ruhha debitrici tal-bank intimat fis-somma ta’ mija u erbghin elf, hames mija u ghoxrin liri Maltin (Lm145,520), illum ekwivalenti ghal tliet mija tmienja u tletin elf, disa’ mija u sebghin Ewro u tnejn u erbghin Ewro centezimi (€338,970.42) u in garanzija ta’ l-istess kreditu d-debitur ta’ fost ohrajn ipoteka specjali “*up to the said ammount of Lm145,520 and interest thereon on the officialy unnumbered block of building names “ITB House”, formerly indicated as being unnamed, situated Truq l-Iskuna, formerly referred to as being a new and unnamed street off Qawra Road, at Bugibba, within the limits of Sain Paul’s Bay, as subject the said block to the annual and perpetual groundrent of one hundred and twenty maltese liri (Lm120). The said block is bounded on the South West by the said street, and on all other compass points by property of Easysell Properties Limited”, or of its successors in title*” liema ipoteka specjali ggib in-numru ta’ iskrizzjoni 9737/2002 kif jirrizulta mill-att innifsu;

“5. Illi s-subbasta hawn fuq imsemmija giet konkluza nhar il-21 ta’ Marzu 2006 fejn il-fond hawn fuq imsemmi gie liberat a favur Robertino Bonello u Joseph Sammut fi kwoti ugwali bejniethom ghall-prezz ta’ mija u wiehed u tletin elf u sitt mitt lira Maltin (Lm131,600.00), illum ekwivalenti ghal tliet mija u sitt elef hames mija hamsa u erbghin Ewro u erbgha u hamsin Ewro centezimi (€306545.54)

"6. Illi permezz ta' cedola (Cedola Nru. 348/2006) pprezentata nhar it-28 ta' Marzu 2006, Robertino Bonello u Joseph Sammut iddepozitaw somma ekwivalenti ghall-prezz hawn imsemmi [kopja hawn annessa u mmarkata **Dok PH6**];

"7. Illi in segwitu ghal rikors pprezentat mill-bank intimat nhar il-5 ta' Settembru 2006 giet ordnata l-apertura tal-konkors tal-kredituri tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited fuq il-flus depozitati permezz tac-cedola 348/2006;

"8. Illi permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Novembru 2009 [kopja hawn annessa u mmarkata **Dok PH7**], liema sentenza ma jirrizultax li giet appellata, dik l-istess Qorti ordnat li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni hu awtorizzat li jizbanka mic-Cedola ta' Depozitu 348/2006 is-somma ta' €55,119.96 u awtorizzat lil bank intimat jizbanka l-bilanc kollu li jifdal wara li jitnaqqas l-ammont ta' €55,119.96;

"9. Illi s-socjeta` rikorrenti la dehret fil-proceduri tas-subbasta hawn qabel msemmija u lanqas ippartecipat fil-konkors tal-kreditui hawn qabel indikat;

"10. Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri l-jeddijiet tas-socjeta` rikorrenti huma aqwa jew daqs dawk tal-bank intimat;

"11. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti tixtieq tipprevalixxi ruha mid-dritt koncess lilha ai termini ta' l-Art. 417 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Ghaldaqstant in vista tal-premess, is-socjeta` rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

"1. Tiddikjara ai termini fost ohrajn ta' l-Artikolu 417 ta' Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jedd tas-socjeta` rikorrenti huwa aqwa jew ugwali minn dak tas-socjeta` intimate fir-rigward tal-flus li l-bank intimat gie awtorizzat jizbanka in forza tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-9 ta' Novembru 2009;

"2. Tillikwida s-sehem mill-flus spettanti lis-socjeta` rikorrenti f'kaz li jigi deciz li l-jedd tas-socjeta` rikorrenti huwa aqwa ghal jew ugwali bhal dak tas-socjeta` intimate;

"3. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tizbanka s-somma hekk likwidata jew somma ohra verjuri skond kif jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti mis-somma depozitata permezz tac-cedola 348/2006;

"4. F'kaz li t-tielet talba ma tistax tintlaqa' tikkundanna lis-socjeta` intimata li thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma hekk likwidata jew somma ohra verjuri skond kif jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti;

"Bl-ispejjez u l-imghax kontra s-socjeta` intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni".

Rat ir-risposta guramentata tal-bank konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni attrici hija guridikament nulla w inammissibbli stante illi l-imsemmija socjeta` attrici kienet dehret u kkonkorriet fil-Konkors ta' Kredituri illi gie finalment deciz fid-9 ta' Novembru 2009, kopja tal-istess tinsab ezibita mar-Rikors Guramentat bhala Dokument "PH7";

"2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-gudizzju ma huwiex integru stante li bl-imsemmija sentenza gew gradwati kemm l-esponenti kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-ligi trid illi l-azzjoni *ius avocandi* tigi ezercitata kontra l-kredituri gradwati u li ma jistax, kreditur pretendent iehor, jezercita tali azzjoni selettivament kontra wiehed biss mill-istess kredituri gradwati;

"3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kif palezament jirrizulta mir-Rikors Guramentat tal-istess socjeta` attrici, il-kreditu tas-socjeta` konvenuta huwa pozjuri u jippregradwa dak tal-istess socjeta` attrici; in fatti, jirrizulta mill-istess Rikors Guramentat, illi anke jekk jezisti l-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici, dan huw munit biss b'iskrizzjonijiet ipotekarji numru 14782 u 15791 tas-sena 2001 – Dok. "PH2" u "PH3" ezibiti mar-Rikors Guramentat – mentri l-kreditu tas-socjeta` Bank of Valleta p.l.c. huwa munit b'ipoteki numri I 3080/1993, I 10546,1993, I 2930/1997, I 2939/1997, I 14226/1998. I 14228/1998, I 1247/1998, I 6804/2000 (Dok. "BOV 01 sa BOV 08") – dawn sabiex jikkawtelaw il-kreditu li l-esponenti ghandha mas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited li lllum ilahhaq is-somma ta' hames mija u wiehed u erbghin elf, seba' mija u disgha u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€541,759.21) flimkien mal-imghax legali mid-19 ta' April 2010 sal-jum tal-pagament effettiv kif ahjar jirrizulta mill-prospett li qed jigi hawn ezibiti u markat Dokument "BOV09"

"4. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati stante li ma ghandhom l-ebda fundament guridiku u fattwali;

"5. Illi l-esponent jaf bil-fatti fuq imsemmi *di scentia propria*;

"6. Illi dwar dak imsemmi fir-Rikors Guramentat, l-esponenti ma tikkontestax dak kontenut f'Dok PH1, PH2, PH3 u PH4 imsemmija fl-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi tar-Rikors Guramentat".

Rat is-sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu, 2012, li in forza taghha, wara li laqghet iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-bank konvenut, iddecidiet billi:

> 1. "Tiddikjara li l-azzjoni ntrapriza mis-socjeta` rikorrenti Park Hotel Limited hi nulla u inammissibbli;
>
> 2. "Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti ndikata fil-paragrafu precedenti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-vertenza in dizamina hi limitata ghas-segwenti eccezzjonijiet preliminari:
>
> 1. "In-nullita` u l-inammissibilita` tal-azzjoni stante l-partecipazzjoni tal-istess socjeta` rikorrenti fil-konkors ta' kredituri deciz bis-sentenza precitata tad-9 ta' Novembru, 2009;
>
> 2. "Il-gudizzju mhux integru;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "Illi l-vertenza tippernja fuq l-artikolu 417 tal-Kap 12 li sintetikament:
>
> 1. "Jawtorizza lil kull persuna li ma tkunx dehret f'konkors ta' kredituri li tistitwixxi procedura biex id-drittijiet tieghu jigu stabbiliti bi preferenza, jew b'mod ugwali, ghal persuna li tkun pregradwata fil-procedura ta' konkors;
>
> 2. "Persuni li ma jkunux originarjament ippartecipaw f'tali konkors ta' kredituri ghalhekk ma jigux pregudikati;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "Illi in effetti s-socjeta` ntimata ssostni li s-socjeta` rikorrenti kienet effettivament gia` ppartecipat fil-konkors ta' kredituri li kien finalizzat b'sentenza appozita ta' din il-qorti diversament preseduta datata d-9 ta' Novembru, 2009, fl-ismijiet Bonello et vs Bank of Valletta et, (Rikors Numru 814/06), (ara fol 102 et sequitur);

> “Illi kif jirrizulta mill-imsemmija sentenza, l-partecipazzjoni tas-socjeta` rikorrenti fl-atti ta’ dik il-procedura partikolari ghandu jkun pacifiku u m’ghandu johloq l-ebda kontroversja stante li dan il-fatt hu effettivament palezement indikat fl-istess sentenza meta gie ndikat li t-talba tal-istess socjeta` illum rikorrenti kienet giet espressament michuda, (ara fol 117);
>
> “Illi jirrizulta li l-istess socjeta` rikorrenti kienet ghalhekk ipprezentat rikors fil-21 ta’ Mejju, 2009, ai termini tal-artikolu 416 tal-Kap 12, liema rikors kien hemm gie respint;
>
> “Ikkunsidrat:
>
> “Illi stabbilit dan, allura ghandu jkun ukoll logikament stabbilit li l-istess socjeta` rikorrenti hi prekluza milli tirrikorri ghall-artikolu 417 tal-Kap precitat stante li dan hu rizervat ghal dawk li jkunu jridu jittutelaw il-pozizzjoni taghhom meta ma jkunux ippartecipaw f’konkors ta’ kredituri precedenti;
>
> “Illi hu biss f’dan il-kaz li l-“jus avocandi” hu koncess;
>
> “Illi meta wiehed ikun gia` ppartecipa f’konkors u nfilzat fir-rank lilu spettanti, ir-rikors ghall-artikolu 147 fuq citat ikun biss ammontanti ghall-abbuz tal-process gudizzjarju;
>
> “Illi kif ritenut mis-sentenza **Camilleri vs Mamo** noe tas-6 t’Ottubru, 1997, citata mill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata dan il-principju mhux biss hu limitat ghall-persuna li effettivament tippartecipa f’tali konkors, izda hi b’analogija estiza anke ghal min gialadarba jkun notifikat bl-ezistenza ta’ tali konkors, liberament jaghzel li ma jippartecipax;
>
> “Illi nonostante cio`, jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti kienet ippartecipat fil-konkors originali fuq riferit – tant li anke ipprefigurat fis-sentenza riferita tad-9 ta’ Novembru, 2009, u konsegwentement, kif irriteniet l-istess qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta’ Dicembru, 1878, fl-ismijiet **Brincat vs Zammit** ukoll riferita mill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata, persuna fl-istess pozizzjoni identika tas-socjeta` rikorrenti hi prekluza milli timpunja l-azzjoni hawn minnha rivendikata”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

> “thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza s-sentenza ta’ l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet “Park Hotel Limited [C10203] vs Bank of Valletta p.l.c. [C2833] Rik Gur 280/2012 deciza fit-28 ta’ Marzu 2012, tichad l-eccezzjonijet preliminari mqajjma mis-socjeta`

> intimata appellata u tirrinvija l-atti lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex il-kawza titkompla fuq il-mertu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimata appellata".

Rat ir-risposta tal-bank konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, tissottometti li l-appell ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-punt kontrovers f'din il-kawza huwa wiehed facli biex jigi puntwalizzat. B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Novembru, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Bonello v. Bank of Valletta** (rikors 814/06) gie konkluz konkors tal-kredituri tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited. Bil-proceduri prezenti s-socjeta` attrici, li tghid li hi kreditrici tal-imsemmija socjeta`, qed tittanta tezercita l-*ius avocandi*, koncess bl-Artikolu 417 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) lil dawk il-persuni "*li ma jkunux dehru*" fil-konkors. Jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet giet notifikata bil-ftuh tal-konkors, u applikat biex tippartecipa, izda l-Qorti b'digriet tad-29 ta' Lulju, 2009, cahdet it-talba biex is-socjeta` attrici tithalla tippartecipa fil-

konkors. Skont il-bank konvenut, b'dik l-applikazzjoni s-socjeta` attrici "dehret" fil-konkors, u allura issa ma tistax tipprocedi b'din l-azzjoni. Skont is-socjeta` attrici, darba li l-applikazzjoni taghha giet michuda, ma tistax titqies li hi "dehret" fil-proceduri ta' konkors.

L-ewwel Qorti abbraccjat it-tezi tal-bank konvenut, u osservat li s-socjeta` attrici ppartecipat fil-konkors originali u allura hi prekluza milli tipprocedi b'din l-azzjoni.

Is-socjeta` attrici appellat mis-sentenza u ressqet is-sottomissjoni taghha ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.

Din il-Qorti wara li hasbet fit-tul fuq il-materja, taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti. Ma jistax jinghad li s-socjeta` attrici ma dehritx fil-proceduri tal-konkors. Darba li hi ikkonkorriet, u darba li ghal xi raguni l-Qorti tkun cahdet it-talba taghha, allura jkun maghluq ghal dak il-kreditur li huwa jutilizza l-*ius avocandi*. Bil-fatt tal-applikazzjoni li tefghet is-socjeta` attrici hi tkun dehret fil-proceduri u ma tistax issa, ghax l-applikazzjoni giet michuda, tipprova terga' tiftah il-konkors fl-interess taghha. B'applikazzjoni taghha, is-socjeta` attrici talbet li tkun ammessa fil-lista tal-kredituri u li l-kreditu taghha jigi gradwat skont il-ligi. Din l-applikazzjoni saret ghax kienet meqjusa bhala l-aktar opportuna fic-

cirkostanzi. Din it-talba giet michuda u s-socjeta` attrici, ghalhekk, ma tistax tressaq talba simili bhala procedura ad hoc.

Kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Brincat v. Zammit** deciza fis-16 ta' Dicembru, 1878:

> "*Chi istituiscie l'azione avocatoria sostanzialmente impugna la sentenza data nel guidizio di concorso, e nella parte che concerna l'interesse dell'attore, cio` che` non e` concesso a chi fu presente o citato nel giudizio e che si e` alla sentenza acquietato.*
>
> ...
>
> "*L'attore, pero`, non a prescelto la via piu` sicura di non comparire, ma e` realmente comparso per reclamare la graduazione sui lucri del capitale e spese relattive; cosi che` egli colla detta comparizione si e` pregiudicato approvando le disposizioni date colla sentenza e la conseguente graduazione del convenuto, che egli non e` piu` in tempo d'impugnare coll'azione avocatoria*"
> (enfasi mizjud).

Mill-premess isegwi, illi darba li s-socjeta attrici, bhala fatt u realment, dehret fil-proceduri tal-konkors biex tirreklama l-kreditu taghha, ma tistax issa tipprova timpunja l-gradwzzjoni finali.

Din il-Qorti tosserva li s-socjeta` attrici ma dehriliex li, b'xi mod, tipprova timpunja d-digriet tad-29 ta' Lulju, 2009, anke, forsi, tramite kawza *ad hoc*, u issottomettiet ruhha ghal dik id-decizjoni. Aktar u aktar, allura, ma tistax tipprova, issa, tvarja s-sentenza finali li tat il-Qorti fil-konkors.

Fil-fehma tal-Qorti, allura, is-socjeta` attrici tilfet id-dritt li tressaq l-*ius avocandi* bl-intervent li ghamlet fil-proceduri ta' konkors.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` attrici Park Hotel Limited billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-bank konvenut u iddikjarat l-azzjoni attrici nulla u inammissibbli.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` attrici appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb